# Lejn Knisja sinodali: komunjoni, parteċipazzjoni u missjoni

## Dokument Preparatorju

### Taqsiriet

| | |
|---|---|
| DV | KONĊILJU VATIKAN II, Kostituzzjoni dommatika *Dei Verbum* (18 ta' Novembru 1965) |
| EC | FRANĠISKU, Kostituzzjoni appostolika *Episcopalis communio* (15 ta' Settembru 2018) |
| EG | FRANĠISKU, Eżortazzjoni appostolika *Evangelii gaudium* (24 ta' Novembru 2013) |
| FT | FRANĠISKU, Ittra enċiklika *Fratelli tutti* (3 ta' Ottubru 2020) |
| GS | KONĊILJU VATIKAN II, Kostituzzjoni pastorali *Gaudium et spes* (7 ta' Diċembru 1965) |
| KTI | KUMMISSJONI TEOLOĠIKA INTERNAZZJONALI |
| LG | KONĊILJU VATIKAN II, Kostituzzjoni dommatika *Lumen gentium* (21 ta' Novembru 1964) |
| LS | FRANĠISKU, Ittra enċiklika *Laudato si'* (24 ta' Mejju 2015) |
| UR | KONĊILJU VATIKAN II, Digriet *Unitatis redintegratio* (21 ta' Novembru 1964) |

**1.** Il-Knisja ta' Alla qed tiġi msejħa għal Sinodu. Il-mixja, bit-titlu "Lejn Knisja sinodali: komunjoni, parteċipazzjoni u missjoni", se tiftaħ solennement fid-9 u l-10 ta' Ottubru 2021 f'Ruma, u fis-17 ta' Ottubru ta' wara f'kull Knisja partikulari. Tappa fundamentali sa tkun iċ-ċelebrazzjoni tas-XVI-il Assemblea Ġenerali Ordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet, f'Ottubru 2023,[1] segwita mill-fażi ta' attwazzjoni, li mill-ġdid se tinvolvi fiha lill-Knejjes partikulari (ara EC, art. 19-21). B'din is-sejħa, il-Papa Franġisku qed jistieden lill-Knisja kollha biex tirrifletti fuq tema deċiżiva għall-ħajja u l-missjoni tagħha: "Il-mixja tas-sinodalità hi sewwasew il-mixja li Alla jistenna mill-Knisja tat-tielet millennju".[2] Din il-mixja, fuq il-linja tal-"aġġornament" tal-Knisja proposta mill-Konċilju Vatikan II, hija don u missjoni fl-istess ħin: meta timxi flimkien, u flimkien tirrifletti fuq il-mixja li tkun għamlet, il-Knisja tista' titgħallem minn dak stess li tkun qed tesperimenta liema proċessi jistgħu jgħinuha tgħix il-komunjoni, twettaq il-parteċipazzjoni, u tinfetaħ għall-missjoni. Fil-fatt, il-"mixja flimkien" tagħna hi dak li jwettaq u juri x'inhi n-natura tal-Knisja bħala Poplu ta' Alla pellegrin u missjunarju.

**2.** Hemm mistoqsija profonda li timbuttana u tiggwidana: kif se nwettqu llum, fuq diversi livelli (minn dak lokali għal dak universali), dik il-"mixja flimkien" li tippermetti lill-Knisja xxandar il-Vanġelu, ħaġa waħda mal-missjoni li ġiet fdata lilha; u liema passi l-Ispirtu qed jistedinna mmiddu biex nikbru bħala Knisja sinodali?

Biex flimkien naffrontaw din il-mistoqsija hemm bżonn nagħtu widen għall-Ispirtu s-Santu, li bħar-riħ, "fejn irid jonfoħ; tisma' ħossu, imma ma tafx mnejn hu ġej jew fejn hu sejjer" (Ġw 3:8), u nibqgħu miftuħa għas-sorpriżi li żgur mhux forsi se jaħsbilna għalihom tul il-mixja. Hekk jieħu l-ħajja dinamiżmu li jgħinna nibdew naħsdu xi ftit mill-frott ta' konverżjoni sinodali, li jimmatura ftit ftit. Dawn huma miri ta' rilevanza kbira għall-kwalità tal-ħajja ekkleżjali u l-iżvolġiment tal-missjoni ta' evanġelizzazzjoni, li lkoll għandna sehem fihom grazzi għall-Magħmudija u l-Konfirmazzjoni li rċivejna. Hawn se nindikaw dawk ewlenin, li jixhdu kif is-sinodalità hija l-forma, l-istil u l-binja tal-Knisja:

---

[1] Hawn wieħed isib, f'għamla ta' skema, it-tappi tal-mixja sondali.
[2] FRANĠISKU, *Diskors għat-Tifkira tal-50 anniversarju mit-twaqqif tas-Sinodu tal-Isqfijiet* (17 ta' Ottubru 2015).

- niftakru kif l-Ispirtu mexxa lill-Knisja fl-istorja u llum qed isejħilna biex flimkien inkunu xhieda tal-imħabba ta' Alla;
- ngħixu proċess ekkleżjali pparteċipat u inkluživ, li joffri lil kull wieħed u waħda – b'mod partikulari lil dawk li għal diversi raġunijiet isibu ruħhom fit-trufijiet – l-opportunità li jesprimu ruħhom u jkunu mismugħa biex jistgħu jagħtu kontribut b'riżq il-bini tal-Poplu ta' Alla;
- nagħrfu u napprezzaw l-għana u l-firxa wiesgħa tad-doni u tal-kariżmi li l-Ispirtu minn jeddu jsawwab fuqna, għall-ġid tal-komunità u tal-familja kollha tal-bnedmin;
- induqu modi ta' parteċipazzjoni fejn inħaddmu r-responsabbiltà tagħna fix-xandir tal-Vanġelu u fl-impenn biex nibnu dinja isbaħ u li wieħed jista' aktar jgħix fiha;
- ngħarblu kif fil-Knisja għandna ngħixu r-responsabbiltà u l-poter, u l-istrutturi li jħaddmuhom, waqt li nikxfu u nipprovaw nibdlu dawk il-preġudizzji u prassi mgħawġa li għeruqhom mhumiex fil-Vanġelu;
- nagħrfu fil-komunità Nisranija suġġett kredibbli u sieħba affidabbli f'mixjiet ta' djalogu soċjali, fejqan, rikonċiljazzjoni, inklużjoni u parteċipazzjoni, il-bini mill-ġdid tad-demokrazija, il-promozzjoni tal-fraternità u tal-ħbiberija soċjali;
- nagħtu ħajja ġdida lir-relazzjonijiet bejn il-membri tal-komunitajiet Insara kif ukoll bejn il-komunitajiet u l-gruppi soċjali l-oħra, ngħidu aħna komunitajiet ta' twemmin minn konfessjonijiet u reliġjonijiet oħra, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, movimenti popolari, u l-bqija;
- ngħinu biex jingħaraf il-valur veru u nagħmlu tagħna wkoll il-frott tal-esperjenzi sinodali riċenti fuq livell universali, reġjonali, nazzjonali u lokali.

**3.** Dan id-Dokument Preparatorju hu mqiegħed għas-servizz tal-mixja sinodali, b'mod partikulari bħala strument ta' għajnuna għall-ewwel fażi ta' smigħ u konsultazzjoni tal-Poplu ta' Alla fil-Knejjes partikulari (Ottubru 2021 – April 2022), bit-tama li jgħin biex jiċċaqilqu l-ideat, l-enerġiji u l-kreattività ta' dawk kollha li sa jieħdu sehem fil-mixja, u biex jiffaċilita l-qsim tal-frott tal-impenn tagħhom. Għal dan il-għan: 1) jibda billi jagħti xi karatteristiċi importanti tal-kuntest ta' żmienna; 2) juri b'mod konċiż ir-riferimenti teoloġiċi fundamentali għal għarfien u tħaddim korrett tas-sinodalità; 3) joffri xi spunti bibliċi li jistgħu jgħinu għall-meditazzjoni u r-riflessjoni fi spirtu ta' talb matul il-mixja; 4) juri xi perspettivi li bihom wieħed jista' jaqra b'mod ġdid l-esperjenzi ta' sinodalità li diġà għexna; 5) jesponi xi toroq biex jartikula din il-

ħidma ta' qari mill-ġdid fi spirtu ta' talb u ta' qsim flimkien. Bħala akkumpanjament konkret għall-organizzazzjoni tax-xogħlijiet qed nipproponu *Vademecum* metodoloġiku, mehmuż ma' dan id-Dokument Preparatorju u disponibbli fuq is-sit iddedikat għal hekk.[3] Is-sit joffri xi riżorsi għall-approfondiment tat-tema tas-sinodalità, bħala sapport għal dan id-Dokument Preparatorju; fost dawn insemmu tnejn, li hawn huma kkwotati kemm-il darba: id-*Diskors għat-Tifkira tal-50 anniversarju mit-twaqqif tas-Sinodu tal-Isqfijiet*, li ta l-Papa Franġisku fis-17 ta' Ottubru 2015, u d-dokument *Is-sinodalità fil-ħajja u fil-missjoni tal-Knisja*, elaborat mill-Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali u ppubblikat fl-2018.

[3] Ara www.synod.va.

# I. Is-sejħa biex nimxu flimkien

**4.** Il-mixja sinodali qed tinfetaħ fi ħdan kuntest storiku mmarkat minn bidliet epokali tas-soċjetà u minn passaġġ kruċjali tal-ħajja tal-Knisja, li ma jistax jiġi injorat: huwa fid-direzzjoni tal-kumplessità ta' dan il-kuntest, fit-tensjonijiet u l-kintradizzjonijiet tiegħu, li l-Knisja hi msejħa "teżamina s-sinjali taż-żminijiet u tinterpretahom fid-dawl tal-Vanġelu" (GS, n. 4). Hawn se nsemmu xi elementi mix-xenarju globali li huma iktar strettament marbuta mat-tema tas-Sinodu, imma l-qafas għandu jiġi mogħni u mwettaq b'mod sħiħ fuq livell lokali.

**5.** Traġedja globali bħalma hi l-pandemija tal-Covid-19 "effettivament qajmet għal ċertu żmien l-għarfien li aħna komunità dinjija li qed tbaħħar fuq l-istess dgħajsa, fejn id-deni ta' wieħed jagħmel ħsara li kulħadd. Ftakarna li ħadd ma jsalva waħdu, li nistgħu nsalvaw biss flimkien" (FT, n. 32). Fl-istess waqt bil-pandemija kompla sploda 'l fuq in-nuqqas ta' ugwaljanza li diġà kien jeżisti: l-umanità dejjem donnha iżjed mheżża minn proċessi ta' massifikazzjoni u ta' frammentazzjoni; il-qagħda traġika li l-migranti qed jgħixu fir-reġjuni kollha tad-dinja tixhed kemm għadhom għoljin u b'saħħithom il-ħitan li jaqsmu l-familja waħda tal-bnedmin. L-Enċiklići *Laudato si'* u *Fratelli tutti* jiddokumentaw il-profondità tal-qasmiet li għandha l-umanità, u nistgħu nirriferu għal dawk l-analiżi biex nagħtu widen għall-karba tal-foqra u tal-art u nagħrfu ż-żerriegħa tat-tama u tal-futur li l-Ispirtu jissokta jnibbet ukoll fi żmienna: "Il-Ħallieq ma jitlaqniex waħidna, qatt ma jerġa' lura minn kelmtu fil-pjan ta' mħabbtu, ma jiddispjaċihx li ħalaqna. Aħna l-bnedmin għad għandna fina dik il-ħila li nikkollaboraw biex nibnu d-dar komuni tagħna" (LS, n. 13).

**6.** Din il-qagħda, li, imqar qalb differenzi kbar, tagħmel komuni l-familja sħiħa tal-bedmin, tisfida lill-Knisja nfisha biex ikollha l-ħila ssieħeb il-persuni u l-komunitajiet biex jaqraw mill-ġdid l-esperjenzi ta' niket u ta' tbatija, li kixfu l-maskri ta' ħafna sigurtajiet foloz, u biex jikkultivaw it-tama u l-fidi fit-tjieba tal-Ħallieq u tal-ħolqien tiegħu. Imma ma nistgħux naħbu l-fatt li l-Knisja nfisha jeħtieġ taffronta n-

nuqqas ta' fidi u l-korruzzjoni anki fi ħdanha stess. B'mod partikulari ma nistgħux ninsew it-tbatija li jgħixu l-minuri u persuni vulnerabbli "minħabba l-abbużi sesswali, tal-poter u tal-kuxjenza mwettqin minn għadd imdaqqas ta' kjeriċi u persuni kkonsagrati".[4] Inħossuna kontinwament sfidati "bħala Poplu ta' Alla biex nieħdu fuq spallejna t-tbatija ta' ħutna miġruħin fil-ġisem u fl-ispirtu":[5] għal wisq tul ta' żmien dik tal-vittmi kienet karba li l-Knisja ma għarfitx tisma' biżżejjed. Huma ġrieħi profondi, li mhux lakemm jagħlqu, u li għalihom qatt ma nistgħu nitolbu biżżejjed maħfra u huma għalina xkiel, xi kultant qawwi ħafna, biex nistgħu nibqgħu fid-direzzjoni li "nimxu flimkien". Il-Knisja kollha hi msejħa taffaċċja l-piż ta' kultura mgħaddsa fil-klerikaliżmu, li wirtet mill-istorja tagħha, u f'xejriet ta' tħaddim tal-awtorità li minnhom jitlaqqmu d-diversi tipi ta' abbuż (ta' poter, ekonomiċi, ta' kuxjenza, sesswali). Ma nistgħux nimmaġinaw "konverżjoni tal-imġiba ekkleżjali mingħajr il-parteċipazzjoni attiva ta' kull min jifforma parti mill-Poplu ta' Alla":[6] nitolbu flimkien lill-Mulej "il-grazzja tal-konverżjoni u d-dilka interjuri biex quddiem dawn il-krimini tal-abbuż, inkunu nistgħu nesprimu s-sogħba tagħna u r-rieda soda tagħna li nitqabdu bil-kuraġġ".[7]

**7**. Minkejja l-infedeltajiet tagħna, l-Ispirtu jissokta jaħdem fl-istorja u juri l-qawwa tiegħu li tagħti l-ħajja. Proprju fil-gandotti mħaffra mit-tbatijiet ta' kull xorta li jġarrbu l-familja tal-bnedmin u l-Poplu ta' Alla qed iwarrdu lingwaġġi ġodda tal-fidi u toroq ġodda li għandhom il-ħila li mhux biss jinterpretaw il-ġrajjiet minn perspettiva teologali, imma li jsibu fil-mument tal-prova r-raġunijiet biex jerġgħu jniedu l-mixja tal-ħajja Nisranija u ekkleżjali. Hu motiv ta' tama kbira li mhux waħda u tnejn huma l-Knejjes li bdew laqgħat u proċessi ta' konsultazzjoni tal-Poplu ta' Alla, ftit jew wisq strutturati. Hemm fejn fittxew li japplikaw stil sinodali, is-sens ta' Knisja reġa' warrad u s-sehem ta' kulħadd ta imbuttatura ġdida lill-ħajja ekkleżjali. Hawn isibu wkoll konferma x-xewqa ta' protagoniżmu fi ħdan il-Knisja min-naħa taż-żgħażagħ, u t-talba għal valorizzazzjoni ikbar tan-nisa u ta' spazji ta' parteċipazzjoni fil-missjoni tal-Knisja, kif diġà indikaw l-Assemblej Sinodali tal-2018 u l-2019. F'din il-linja wkoll għandna t-

[4] FRANĠISKU, *Ittra lill-Poplu ta' Alla* (20 ta' Awwissu 2018), prœmio.
[5] *Ibid.*, n. 2.
[6] *Ibid.*
[7] *Ibid.*

twaqqif dan l-aħħar tal-ministeru lajkali tal-katekstika u l-aċċess lin-nisa għal dawk tal-lettorat u tal-akkolitat.

**8.** Ma nistgħux ninjoraw il-firxa wiesgħa tal-kundizzjonijiet li fihom jgħixu l-komunitajiet Insara fid-diversi reġjuni tad-dinja. Flimkien mal-pajjiżi li fihom il-Knisja tilqa' l-parti l-kbira tal-popolazzjoni u tirrappreżenta riferiment kulturali għas-soċjetà kollha, hemm oħrajn fejn il-Kattoliċi huma minoranza; f'xi wħud minn dawn, il-Kattoliċi, flimkien mal-Insara l-oħra, iġarrbu kull xorta ta' persekuzzjoni anki vjolenti ħafna, u mhux darba u tnejn il-martirju. Jekk minn naħa tiddomina mentalità sekularizzata li qed tipprova tkeċċi r-reliġjon mill-ispazju pubbliku, min-naħa l-oħra hemm integraliżmu reliġjuż li ma jirrispettax il-libertà tal-oħrajn u qed jiffometa xejriet ta' intolleranza u ta' vjolenza li jidhru anki fil-komunità Nisranija u fir-relazzjonijiet tagħha mas-soċjetà. Spiss l-Insara jassumu l-istess atteġġjamenti, u hekk irewħu l-firdiet u t-tilwim anki fil-Knisja. Bl-istess mod irridu nżommu quddiem għajnejna l-mod kif fi ħdan il-komunità Nisranija u r-relazzjonijiet tagħha mas-soċjetà jidwu l-firdiet li bihom hi maqsuma din tal-aħħar, għal raġunijiet etniċi, razzjali, ta' klassi jew minħabba xejriet oħra ta' stratifikazzjoni soċjali jew ta' vjolenza kulturali u strutturali. Dawn is-sitwazzjonijiet għandhom impatt qawwi fuq it-tifsira tal-espressjoni "nimxu flimkien" u fuq il-possibbiltajiet konkreti li nwettquha fil-prattika.

**9.** Fi ħdan dan il-kuntest, is-sinodalità tirrappreżenta t-triq għalliema għall-Knisja, imsejħa biex tiġġedded taħt l-azzjoni tal-Ispirtu u grazzi għas-smigħ tal-Kelma. Il-ħila li nimmaġinaw għall-Knisja u għall-istituzzjonijiet tagħha futur differenti li jkun iwieġeb għall-missjoni li hija rċiviet tiddependi fil-parti l-kbira mill-għażla li nibdew proċessi ta' smigħ, djalogu u dixxerniment komunitarju, fejn kulħadd jista' jieħu sehem u jikkontribwixxi. Fl-istess waqt, l-għażla li "nimxu flimkien" hija sinjal profetiku għall-familja umana li għandha bżonn ta' proġett li fih jieħu sehem kulħadd, li kapaċi jfittex il-ġid ta' kulħadd. Knisja li għandha l-ħila ta' komunjoni u ta' fraternità, ta' parteċipazzjoni u ta' sussidjarjetà, fil-fedeltà lejn dak li tħabbar, tista' tkun qrib tal-foqra u tal-imwarrbin u tnewlilhom il-leħen tagħha. Biex "nimxu flimkien" hemm bżonn li nħallu lill-Ispirtu jedukana lejn mentalità tassew sinodali, billi nidħlu b'kuraġġ u libertà tal-qalb għal proċess ta' konverżjoni li mingħajru ma jkunx possibbli dak "it-tiġdid

kontinwu tagħha nnifisha, tiġdid li l-Knisja, għax hija istituzzjoni umana, dejjem teħtieġ" (UR, n. 6; ara EG, n. 26).

# II. Knisja kostituttivament sinodali

**10.** "Dak li l-Mulej jitlob minna, f'ċertu sens, diġà jinsab kollu miġbur fil-kelma 'Sinodu'",[8] li hi "kelma antika u meqjuma fit-Tradizzjoni tal-Knisja, li t-tifsira tagħha tfakkar fil-kontenut l-iżjed profond tar-Rivelazzjoni".[9] Huwa l-"Mulej Ġesù li jippreżenta lilu nnifsu bħala 't-triq, il-verità u l-ħajja' (Ġw 14:6)", u "l-Insara, fuq il-passi tiegħu, huma qabelxejn imsejħa 'd-dixxipli tat-triq' (ara Atti 9:2; 19:9,23; 22:4; 24:14,22)".[10] Is-sinodalità f'din il-perspettiva hija wisq aktar minn ċelebrazzjoni ta' laqgħat ekkleżjali u ġemgħat ta' Isqfijiet, jew kwistjoni ta' sempliċi amministrazzjoni interna tal-Knisja; hi "tindika l-*modus vivendi et operandi* speċifiku tal-Knisja Poplu ta' Alla li turi u twettaq b'mod konkret il-komunjoni tagħha billi timxi flimkien, tinġema' f'assemblej u tagħti sehem attiv lill-membri taħgha fil-missjoni tagħha ta' evanġelizzazzjoni".[11] U hekk jintisġu flimkien dawk li t-titlu tas-Sinodu jipproponi bħala l-fus ta' Knisja sinodali: komunjoni, parteċipazzjoni u missjoni. F'dan il-kapitlu se nuru fil-qosor xi riferimenti teoloġiċi fundamentali li fuqhom tinbena din il-perspettiva.

**11.** Fl-ewwel millennju, "nimxu flimkien", jiġifieri nipprattikaw is-sinodalità, kien il-mod normali ta' kif kienet tgħix il-Knisja bħala "Poplu miġbur mill-għaqda tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu".[12] Kontra dawk li riedu jifirdu l-ġisem tal-Knisja, il-Missirijiet tal-Knisja qiegħdu l-komunjoni tal-Knejjes mifruxa mad-dinja, li Santu Wistin fissirha bħala *"concordissima fidei conspiratio"*,[13] jiġifieri l-fehma waħda tal-imgħammdin kollha fil-fidi. Hawn għandu għeruqu l-iżvilupp wiesa' ta' prassi sinodali fuq kull livell tal-ħajja tal-Knisja – lokali, provinċjali, universali –, li sab fil-konċilju ekumeniku l-ogħla manifestazzjoni tiegħu. Huwa f'dan ix-xefaq ekkleżjali, imnebbaħ mill-prinċipju tal-parteċipazzjoni ta' kulħadd fil-ħajja tal-Knisja, li San Ġwann

---

[8] FRANĠISKU, *Diskors għat-Tifkira tal-50 anniversarju mit-twaqqif tas-Sinodu tal-Isqfijiet*.
[9] KTI, *Is-sinodalità fil-ħajja u fil-missjoni tal-Knisja* (2 ta' Marzu 2018), n. 3.
[10] *Ibid*.
[11] *Ibid*, n. 6.
[12] ĊIPRIJANU, *De Oratione Dominica*, 23: PL 4, 553.
[13] WISTIN, *Epistola 194*, 31: PL 33, 885.

Krizostmu seta' jgħid: "Knisja u Sinodu huma l-istess ħaġa".[14] Anki fit-tieni millennju, meta l-Knisja saħqet aktar fuq il-funzjoni ġerarkika tagħha, qatt ma naqas dan il-mod ta' ħajja: jekk fil-Medjuevu u fl-epoka moderna ċ-ċelebrazzjoni ta' sinodi djoċesani u provinċjali għandna xhieda tajba tagħha flimkien ma' dik tal-konċilji ekumeniċi, meta ġew biex jiddefinixxu veritajiet dommatiċi l-Papiet fittxew il-konsultazzjoni mal-Isqfijiet biex jifhmu l-fidi tal-Knisja kollha, u hekk irrikorrew għall-awtorità tas-*sensus fidei* tal-Poplu kollu ta' Alla, li hu *"infallibbli 'in credendo'"* (EG, n. 119).

**12.** F'dan id-dinamiżmu tat-Tradizzjoni hu ankrat il-Konċilju Vatikan II. Dan jisħaq kif "Alla għoġbu jqaddes u jsalva l-bnedmin mhux individwalment, mingħajr ebda rabta ma' xulxin, iżda ried li jagħmel minnhom poplu li jagħrfu fil-verità u jservih fil-qdusija" (LG, n. 9). Il-membri tal-Poplu ta' Alla għandhom Magħmudija komuni u "għalkemm uħud, b'rieda ta' Kristu, huma maħtura biex jgħallmu jew biex jamministraw jew biex ikunu ragħajja tal-oħrajn, b'danakollu hemm ugwaljanza fost kulħadd dwar id-dinjità u l-ħidma komuni tal-fidili kollha biex jibnu l-ġisem ta' Kristu" (LG, n. 32). Għalhekk l-imgħammdin kollha, li għandhom sehem fil-funzjoni saċerdotali, profetika u regali ta' Kristu, "bit-tħaddim tal-għana ta' kull xorta u ordni tal-kariżmi tagħhom, tal-vokazzjonijiet tagħhom, tal-ministeri tagħhom"[15] huma suġġetti attivi ta' evanġelizzazzjoni, kemm individwalment u kemm bħala l-Poplu sħiħ ta' Alla.

**13.** Il-Konċilju saħaq kif, grazzi għad-dilka tal-Ispirtu s-Santu li rċevew fil-Magħmudija, il-ġabra sħiħa tal-Fidili kollha flimkien "ma tistax tiżbalja fit-twemmin. Hija turi din in-nota karatteristika permezz tas-sens sopranaturali tal-fidi tal-poplu kollu meta l-fidili kollha 'mill-isqfijiet sa l-anqas fost il-lajċi' jagħtu l-kunsens tagħhom fi ħwejjeġ ta' fidi u ta' morali" (LG, n. 12). Huwa l-Ispirtu li jmexxi lil dawk li jemmnu "għall-verità kollha" (Ġw 16:13). Bil-ħidma tiegħu, "it-tradizzjoni li ġejja mill-Appostli tiżviluppa ruħha fil-Knisja", biex il-Poplu kollu qaddis ta' Alla jikber fl-għarfien u fl-esperjenza "sew tal-ħwejjeġ sew tal-kliem li t-tradizzjoni tgħallem; bir-riflessjoni u l-istudju tal-Insara li jimmeditaw f'qalbhom fuqhom (ara Lq 2:19,51); bil-fehma profonda

---

[14] ĠWANNI KRIŻOSTMU, *Explicatio in Psalmum 149*: PG 55, 493.
[15] KTI, *Is-sinodalità fil-ħajja u fil-missjoni tal-Knisja*, n. 6.

li l-Insara jakkwistaw tal-ħwejjeġ spiritwali bil-predikazzjoni ta' dawk li flimkien mas-suċċessjoni tal-Isqfijiet irċevew id-don ċert tal-verità" (DV, n. 8). Fil-fatt, dan il-Poplu, miġbur mir-Ragħajja tiegħu, jemmen fid-depożitu mqaddes tal-Kelma ta' Alla fdat lill-Knisja, jippersevera l-ħin kollu fit-tagħlim tal-Appostli, fil-komunjoni fraterna, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb, u "hekk l-Isqfijiet u l-fidili jkunu qegħdin isaħħu l-għaqda spiritwali tagħhom meta jżommu, iwettqu u jistqarru l-fidi li rċevew" (DV, n. 10).

**14.** Ir-Ragħajja, għalhekk, magħżula minn Alla bħala "ħarriesa awtentiċi, interpreti u xhieda tal-fidi tal-Knisja kollha",[16] ma jibżgħux jisimgħu lill-Merħla fdata f'idejhom: il-konsultazzjoni tal-Poplu ta' Alla ma tassumix fi ħdan il-Knisja dinamiżmi tad-demokrazija li jiddependu fuq il-prinċipju tal-maġġoranza, għax fil-bażi tal-parteċipazzjoni għal kull proċess sinodali hemm il-passjoni maqsuma flimkien għall-missjoni komuni ta' evanġelizzazzjoni u mhux ir-rappreżentanza ta' interessi f'kunflitt. Fi kliem ieħor, għandna hawn proċess ekkleżjali li ma jistax jitwettaq jekk mhux "fi ħdan komunità ġerarkikament strutturata".[17] Huwa fir-rabta għammiela bejn is-*sensus fidei* tal-Poplu ta' Alla u l-funzjoni tal-maġisteru tar-Ragħajja li jseħħ il-kunsens unanimu tal-Knisja kollha fl-istess fidi. Kull proċess sinodali, fejn l-Isqfijiet huma msejħa jgħarblu dak li l-Ispirtu qed jgħid lill-Knisja, mhux waħidhom, imma billi jisimgħu lill-Poplu ta' Alla, li "għandu sehem ukoll mill-uffiċċju profetiku ta' Kristu" (LG, n. 12), hu forma evidenti ta' dik il-"mixja flimkien" li tgħin lill-Knisja tikber. San Benedittu jisħaq li "spiss il-Mulej jgħarraf x'għandha tkun l-aħjar deċiżjoni"[18] mhux lil min jokkupa pożizzjonijiet ta' importanza fil-komunità (f'dak il-każ l-iżjed żagħżugħ); hekk, l-Isqfijiet għandhom jaraw li jilħqu lil kulħadd, għax fl-iżvolġiment ordnat tal-mixja sinodali jseħħ dak li l-Appostlu Pawlu jirrakkomanda lill-komunitajiet: "Ixxekklux l-Ispirtu, tmaqdrux il-profezija, ippruvaw kollox: it-tajjeb żommuh" (1 Tess 5:19-21).

**15.** Is-sens tal-mixja li għaliha aħna lkoll imsejħin hu qabelxejn dak li niskopru l-wiċċ u l-bixra ta' Knisja sinodali, fejn "kulħadd għandu x'jitgħallem. Poplu fidil, Kulleġġ episkopali, Isqof ta' Ruma: wieħed jisma' lill-ieħor; u kulħadd jisma' lill-

---

[16] FRANĠISKU, *Diskors għat-Tifkira tal-50 anniversarju mit-twaqqif tas-Sinodu tal-Isqfijiet.*
[17] KTI, *Is-sinodalità fil-ħajja u fil-missjoni tal-Knisja*, n. 69.
[18] *Regula S. Benedicti*, III, 3.

Ispirtu s-Santu, l-'Ispirtu tal-verità' (Ġw 14:17), biex jagħraf dak li hu 'jgħid lill-Knejjes' (Apok 2:7)".[19] L-Isqof ta' Ruma, li hu l-prinċipju u l-fundament tal-Knisja, jitlob lill-Isqfijiet kollha u lill-Knejjes partikulari kollha, li fihom u minħabba fihom teżisti l-Knisja waħda Kattolika (ara LG, n. 23), biex jidħlu b'fiduċja u kuraġġ għall-mixja tas-sinodalità. F'din il-"mixja flimkien", nitolbu lill-Ispirtu jurina kif il-komunjoni, li fl-għaqda tiġbor flimkien il-firxa tad-doni, tal-kariżmi, tal-ministeri, qiegħda hemm għall-missjoni: Knisja sinodali hi Knisja "li toħroġ", Knisja missjunarja, "bil-bibien tagħha miftuħa" (EG, n. 46). Dan jinkludi s-sejħa biex ninżlu iktar fil-fond tar-relazzjonijiet mal-Knejjes u l-komunitajiet Insara l-oħra, li magħhom aħna magħquda bl-istess Magħmudija. Il-perspettiva li "nimxu flimkien", imbagħad, hi usa' minn hekk, u tħaddan il-bnedmin kollha, li magħhom naqsmu "l-hena u t-tama, in-niket u t-tħassib" (GS, n. 1). Knisja sinodali hija sinjal profetiku fuq kollox għal komunità tan-nazzjonijiet li ma għarfitx tipproponi proġett li fih għandu sehem kulħadd, li permezz tiegħu tista' tfittex il-ġid ta' kulħadd: it-tħaddim tas-sinodalità hu llum għall-Knisja l-mod l-iżjed ċar kif tkun "sagrament tas-salvazzjoni għal kulħadd" (LG, n. 48), "sinjal u strument tal-għaqda intima ma' Alla u tal-unità tal-ġens tal-bnedmin kollu" (LG, n. 1).

---

[19] FRANĠISKU, *Diskors għat-Tifkira tal-50 anniversarju mit-twaqqif tas-Sinodu tal-Isqfijiet.*

# III. Fis-smigħ tal-Iskrittura

**16.** L-Ispirtu ta' Alla li jdawwal u jagħti l-ħajja lil din il-"mixja flimkien" tal-Knejjes huwa l-istess wieħed li jaħdem fil-missjoni ta' Ġesù, imwiegħed lill-Appostli u lill-ġenerazzjonijiet tad-dixxipli li jagħtu widen għall-Kelma ta' Alla u jqegħduha fil-prattika. L-Ispirtu, skont il-wegħda tal-Mulej, ma jillimitax ruħu biss li jikkonferma l-kontinwità tal-Vanġelu ta' Ġesù, imma jdawwal il-profonditajiet dejjem ġodda tar-Rivelazzjoni tiegħu u jnebbaħ id-deċiżjonijiet meħtieġa għat-tweżin tal-mixja tal-Knisja (ara Ġw 14:25-26; 15:26-27; 16:12-15). Għalhekk hu opportun li l-mixja tagħna lejn il-bini ta' Knisja sinodali tkun imnebbħa minn żewġ "xbihat" mill-Iskrittura. Waħda toħroġ fir-rappreżentazzjoni tax-"xena komunitarja" li ssieħeb il-ħin kollu l-mixja tal-evanġelizzazzjoni; l-oħra tirreferi għall-esperjenza tal-Ispirtu fejn Pietru u l-komunità tal-bidu jagħrfu r-riskju li jqiegħdu limiti mhux ġustifikabbli għal dawk li jridu jaqsmu fl-istess fidi. L-esperjenza sinodali li nimxu flimkien, wara l-Mulej u f'ubbidjenza lejn l-Ispirtu, tista' tirċievi ispirazzjoni deċiżiva mill-meditazzjoni ta' dawn iż-żewġ mumenti tar-Rivelazzjoni.

### Ġesù, il-folla, l-Appostli

**17.** Fl-istruttura fundamentali tagħha, hemm xena oriġinali li tidher bħala l-mod kostanti kif Ġesù juri min hu tul il-Vanġelu kollu, dak li jħabbar il-miġja tas-Saltna ta' Alla. L-atturi li nsibu fiha huma essenzjali tlieta (u ieħor). L-ewwel wieħed naturalment hu *Ġesù*, il-protagonista assolut li jieħu l-inizjattiva, jiżra' l-kelmiet u s-sinjali tal-miġja tas-Saltna mingħajr ma' jagħmel "preferenza ta' persuni" (ara Atti 10:34). B'diversi modi, Ġesù jagħti attenzjoni speċjali lil dawk "mifruda" minn Alla u lill-"imwarrbin" tal-komunità (il-midinba u l-foqra, fil-lingwaġġ evanġeliku). Bi kliemu u bl-għemil tiegħu joffri l-ħelsien mill-ħażen u l-konverżjoni għat-tama, f'isem Alla l-Missier u bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Imqar fis-sejħat u t-tweġibiet differenti tal-Mulej, il-karatteristika komuni hi li l-fidi tidher dejjem bħala valorizzazzjoni tal-persuna: it-talba tagħha hi mismugħa, fid-diffikultà tagħha tingħata l-għajnujna, id-disponibbiltà tagħha

hi apprezzata, id-dinjità tagħha hi kkonfermata mill-ħarsa ta' Alla u tintradd lura għall-għarfien tal-komunità.

**18.** Fil-fatt, l-azzjoni ta' evanġelizzazzjoni u l-messaġġ tas-salvazzjoni ma konniex nifhmuhom mingħajr il-ftuħ kostanti ta' Ġesù għall-aktar udjenza wiesgħa possibbli, li l-Vanġeli jindikaw bħala *l-folla*, jew aħjar il-ġabra flimkien tal-persuni li jimxu warajh fit-triq, u xi drabi saħansitra jfittxuh bit-tama ta' sinjal u ta' kelma ta' salvazzjoni: hi t-tieni attur fix-xena tar-Rivelazzjoni. It-tħabbira tal-Vanġelu mhijiex indirizzata biss għal dawk il-ftit imdawlin jew magħżulin minn qabel. Is-semmiegħa ta' Ġesù huma "l-poplu" ta' ħajja komuni, il-"kien min kien" tal-kundizzjoni umana, li Hu jqiegħed f'kuntatt dirett mad-don ta' Alla u s-sejħa għas-salvazzjoni. B'mod li jgħaġġeb u xi drabi jiskandalizza lil min ikun quddiemu, Ġesù jilqa' bħala udjenza tiegħu lil dawk kollha li joħorġu mill-folla: jisma' l-protesta mimlija passjoni tal-mara Kangħanija (ara Mt 15:21-28), li ma taċċettax li titħalla barra mill-barka li jagħti hu; joqgħod għad-djalogu mas-Samaritana (ara Ġw 4:1-42), minkejja l-qagħda tagħha ta' mara soċjalment u reliġjożament kompromessa; japprezza l-att ta' fidi ħielsa u rikonoxxenti tal-agħma mit-twelid (ara Ġw 9), li r-reliġjon uffiċjali kienet barrietu bħala barrani għal sa fejn tasal il-grazzja.

**19.** Xi wħud jimxu b'mod iżjed espliċitu wara Ġesù, u jduqu l-fedeltà tad-dixxipulat, waqt li oħrajn huma mistiedna jerġgħu lura għall-ħajja ordinarja: imma lkoll jagħtu xhieda tal-qawwa tal-fidi li salvathom (ara Mt 15:28). Fost dawk li jimxu wara Ġesù tispikka l-figura tal-*Appostli* li hu stess isejjaħ għal warajh, sa mill-bidu, u jiddestinahom għall-medjazzjoni awtorevoli tar-relazzjoni tal-folla mar-Rivelazzjoni u mal-miġja tas-Saltna ta' Alla. Id-dħul ta' dan it-tielet attur fix-xena ma jseħħx grazzi għal xi fejqan jew konverżjoni, imma għas-sejħa li jagħmel Ġesù. L-għażla tal-Appostli mhijiex il-privileġġ ta' pożizzjoni esklussiva ta' poter u ta' separazzjoni, imma l-grazzja ta' ministeru inklużiv ta' barka u ta' komunjoni. Grazzi għad-don tal-Ispirtu ta' Kristu Rxoxt, dawn huma msejħa jħarsu l-post ta' Ġesù, mingħajr ma jeħdulu postu: mhumiex filtri għall-preżenza tiegħu, imma qegħdin hemm biex jiffaċilitaw il-laqgħa miegħu.

**20.** Ġesù, il-folla fil-firxa wiesgħa tagħha, l-Appostli: dawn huma x-xbieha u l-misteru li rridu nikkontemplaw u napprofondixxu kontinwament biex il-Knisja ssir dejjem iżjed dak li hi. Ebda wieħed mit-tliet atturi ma jista' joħroġ mix-xena. Jekk jonqos Ġesù u floku npoġġu lil xi ħadd ieħor, il-Knisja ssir kuntratt bejn l-Appostli u l-folla, li d-djalogu bejniethom jispiċċa jaqbad it-triq tal-logħba politika. Mingħajr l-Appostli, awtorizzati minn Ġesù u mgħallma mill-Ispirtu, ir-relazzjoni mal-verità tal-Vanġelu titkisser u l-folla tibqa' esposta għal mit jew għal ideoloġija dwar Ġesù, sew jekk tilqgħu u sew jekk tirrifjutah. Mingħajr il-folla, ir-relazzjoni tal-Appostli ma' Ġesù tikkorrompi ruħha f'għamla settarja u awtoreferenzjali tar-reliġjon, u l-evanġelizzazzjoni titlef id-dawl tagħha, li joħroġ mir-rivelazzjoni li Alla jagħmel tiegħu nnifsu lil kulħadd, direttament, billi joffrilu s-salvazzjoni tiegħu.

**21.** Imbagħad hemm l-attur "l-ieħor", l-antagonista, li jġib fix-xena l-firda djabolika bejn it-tlieta l-oħra. Quddiem il-perspettiva disturbanti tas-salib, hemm dixxipli li jitilqu u folol li jibdlu l-partit. Il-qarrieq li jifred – u allura ma jridx li jkun hemm mixja komuni – jidher xorta waħda fix-xejriet tar-rigorożità reliġjuża, tan-normi morali li jippreżentaw ruħhom iktar esiġenti minn dik ta' Ġesù nnifsu, u tas-seħer ta' għerf politiku mondan li jippretendi li hu iżjed effikaċi minn dixxerniment tal-ispirti. Biex ma naqgħux għall-qerq tar-"raba' attur" hemm bżonn ta' konverżjoni kontinwa. Hawn hu emblematiku l-episodju taċ-ċenturjun Kornelju (ara Atti 10), li jseħħ qabel dak tal-"konċilju" ta' Ġerusalemm (ara Atti 15) li hu riferiment kruċjali għal Knisja sinodali.

### Dinamika doppja ta' konverżjoni: Pietru u Kornelju (Atti 10)

**22.** L-episodju jirrakkonta qabelxejn il-konverżjoni ta' Kornelju, li saħansitra jirċievi għamla ta' tħabbira. Kornelju kien pagan, għandna nifhmu Ruman, ċenturjun (uffiċċjal ta' grad baxx) tal-eżerċtu li kien qed jokkupa l-pajjiż, u li kien jipprattika mestier ibbażat fuq vjolenza u tirannija. Imma kien jiddedika ruħu għat-talb u għall-karità, jiġifieri kien rawwem fih relazzjoni ma' Alla u jieħu ħsieb tal-proxxmu. Sewwasew għandu jidħol b'mod sorprendenti l-anġlu, isejjaħlu b'ismu u jitolbu jibgħat – il-verb tal-missjoni! – lill-qaddejja tiegħu f'Ġaffa biex isejħu – il-verb tal-vokazzjoni! – lil Pietru. Ir-rakkont allura jsir wieħed tal-konverżjoni ta' dan tal-aħħar, li dakinhar

stess kellu viżjoni, li fiha sema' leħen jordnalu joqtol u jiekol xi bhejjem, li wħud minnhom kienu mniġġsa. It-tweġiba tiegħu kienet deċiża: "Ma jkun qatt, Mulej" (Atti 10:14). Jintebaħ li l-Mulej hu dak li qed ikellmu, imma jagħmillu rifjut ċar, għax dik l-ordni kienet se tħott il-preċetti tat-Torah li kienu essenzjali għall-identità reliġjuża tiegħu, għax kienu jesprimu mod kif wieħed jifhem l-għażla bħala differenza li ġġib qasma u esklużjoni ta' popli oħra.

**23.** L-Appostlu baqa' mħawwad bil-kbir u, hu u jistaqsi bejnu u bejn ruħu fuq is-sens ta' dak li kien seħħ, jaslu għandu l-irġiel mibgħuta minn Kornelju, li l-Ispirtu jurih li kienu l-mibgħutin tiegħu. Lilhom Pietru jwieġeb bi kliem li jfakkar f'dak ta' Ġesù fl-Ort: "Jien hu dak li qegħdin tfittxu" (Atti 10:21). Hija konverżjoni vera u proprja, passaġġ ta' tbatija u wieħed immensament għammiel ta' ħruġ mill-kategoriji kulturali u reliġjużi tiegħu: Pietru jaċċetta li jiekol flimkien mal-pagani l-ikel li minn dejjem kien qies bħala pprojbit, għax għaraf fih strument ta' ħajja u ta' komunjoni ma' Alla u mal-oħrajn. Huwa fil-laqgħa tagħna mal-persuni, billi nilqgħuhom, nimxu flimkien magħhom u nidħlu fid-djar tagħhom, li nintebħu bit-tifsira ta' din il-viżjoni tiegħu: l-ebda bniedem ma hu indenn f'għajnejn Alla u d-differenza li tiġi mill-għażla li hu jagħmel tagħna mhijiex preferenza esklussiva, imma servizz u xhieda ta' natura universali.

**24.** Kemm Kornelju u kemm Pietru jinkludu fil-mixja tagħhom ta' konverżjoni persuni oħra, u jagħmluhom sieħba fil-vjaġġ tagħhom. L-azzjoni appostolika twettaq ir-rieda ta' Alla u toħloq komunitajiet, tħott il-ħitan u tippromovi l-laqgħa. Il-kelma għandha rwol ċentrali fil-laqgħa bejn iż-żewġ protagonisti. Jibda Kornelju billi jaqsam l-esperjenza li huwa għex. Pietru jisimgħu u mbagħad jieħu f'idejh hu l-kelma, u min-naħa tiegħu jaqsam dak li seħħ lilu u jagħti xhieda tal-qrubija tal-Mulej, li joħroġ jiltaqa' ma' kull persuna biex jeħlisha minn dak li jżommha lsira tal-ħażin u jagħmel ħsara lill-bnedmin (ara Atti 10:38). Dan il-mod ta' komunikazzjoni jixbah lil dak li Pietru addotta meta f'Ġerusalemm il-fidili ċirkonċiżi ċanfruh, u xlewh li kiser in-normi tradizzjonali, li fuqhom donnha kienet iddur l-attenzjoni kollha tagħhom, bla taw kas tat-tiswib tal-Ispirtu fuqhom: "Inti dħalt għand nies li ma għandhomx iċ-ċirkonċiżjoni u kilt magħhom" (Atti 11:3). F'dak il-mument ta' kunflitt, Pietru jirrakkonta dak li ġralu u r-reazzjonijiet tiegħu ta' tħassib, inkomprensjoni u reżistenza. Dan kellu jgħin lil dawk

li kienu qed jisimgħuh, għall-bidu aggressivi u reżistenti, biex jagħtu widen u jilqgħu dak li seħħ. L-Iskrittura għenet biex setgħu jinterpretaw is-sens ta' dan kollu, kif imbagħad reġa' seħħ fil-"konċilju" ta' Ġerusalemm, fi proċess ta' dixxerniment li huwa smigħ komuni tal-Ispirtu.

# IV. Is-sinodalità fl-azzjoni: toroq għall-konsultazzjoni tal-poplu ta' Alla

**25.** Imdawla mill-Kelma u mibnija fuq it-Tradizzjoni, il-mixja sinodali għandha għeruqha fil-ħajja konkreta tal-Poplu ta' Alla. Fil-fatt hi tippreżenta aspett partikulari li hu wkoll riżorsa straordinarja: is-suġġett tagħha – is-sinodalità – huwa wkoll il-metodu tagħha. Fi kliem ieħor, hi bħal sit tal-bini jew esperjenza pilota, li tippermettilna nibdew naħsbu sa minn issa l-frott tad-dinamiżmu li l-konverżjoni sinodali ftit ftit tinjetta fil-komunità Nisranija. Mill-banda l-oħra ma tistax ħlief terġa' tibgħatna għall-esperjenzi ta' sinodalità li diġà għexna, fuq diversi livelli u bi gradi differenti ta' intensità: il-punti qawwija tagħhom u s-suċċessi tagħhom, kif ukoll il-limitazzjonijiet tagħhom u d-diffikultajiet tagħhom, joffru elementi prezzjużi għad-dixxerniment fuq id-direzzjoni li fiha għandna nkomplu mexjin. Ċertament hawn qed nirreferu għall-esperjenzi mqanqla minn din il-mixja sinodali, imma anki għal dawk kollha li fihom diġà qed jingħaxu diversi xejriet ta' "mixja flimkien" fil-ħajja ordinarja, imqar meta lanqas hu magħruf jew użat it-terminu sinodalità.

**Il-mistoqsija fundamentali**

**26.** Il-mistoqsija fundamentali li tiggwida din il-konsultazzjoni tal-Poplu ta' Alla, kif diġà mfakkar fil-ftuħ, hija din:

*Knisja sinodali, hija u xxandar il-Vanġelu, "timxi flimkien": kif tista' din il-"mixja flimkien" titwettaq illum fil-Knisja partikulari tagħkom? Liema passi l-Ispirtu qed jistedinna nwettqu biex nikbru fil-"mixja flimkien" tagħna?*

Biex twieġbu, intom mistiedna:

a) tistaqsu lilkom infuskom f'liema esperjenzi tal-Knisja partikulari tagħkom qed tfakkarkom din il-mistoqsija fundamentali;
b) taqraw iktar fil-fond dawn l-esperjenzi: liema ferħ ipprovokaw? Liema diffikultajiet jew ostakli ltaqgħu magħhom? Liema ġrieħi kixfu? Liema intuwizzjonijiet qanqlu?

c) tiġbru l-frott biex taqsmuh ma' xulxin: fejn f'dawn l-esperjenzi jidwi l-leħen tal-Ispirtu? X'qed jitlob minna? Liema huma l-punti li rridu nikkonfermaw, liema huma l-perspettivi ta' bidla, il-passi li rridu nagħmlu? Fejn qed inħossu li hemm kunsens? X'toroq jinfetħu għall-Knisja partikulari tagħna?

**Diversi artikulazzjonijiet tas-sinodalità**

**27.** Fit-talb, fir-riflessjoni u fil-qsim flimkien, imqanqlin mill-mistoqsija fundamentali, jixraq li nżommu quddiem għajnejna tliet livelli li fuqhom tiġi artikulata s-sinodalità bħala "dimensjoni kostituttiva tal-Knisja":[20]

- il-livell tal-istil li bih il-Knisja tgħix u taħdem ta' kuljum, li jesprimi n-natura tal-Poplu ta' Alla li jimxi flimkien u jinġabar f'ġemgħa msejħa mill-Mulej Ġesù bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu biex ixxandar il-Vanġelu. Dan l-istil jitwettaq permezz tas-"smigħ komunitarju tal-Kelma u ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, il-fraternità tal-komunjoni u l-korresponsabbiltà u l-parteċipazzjoni tal-Poplu kollu ta' Alla, fuq id-diversi livelli tiegħu u fid-distinzjoni tad-diversi ministeri u rwoli, għall-ħajja u l-missjoni tiegħu";[21]
- il-livell tal-istrutturi u tal-proċessi ekkleżjali, determinati anki mill-perspettiva teoloġika u kanonika, fejn in-natura sinodali tal-Knisja tesprimi ruħha b'mod istituzzjonali fuq livell lokali, reġjonali u universali;
- il-pjan tal-proċessi u ġrajjiet sinodali fejn il-Knisja hi msejħa mill-awtorità kompetenti, biex tiltaqa' skont proċeduri speċifiċi determinati mid-dixxiplina ekkleżjastika.

Imqar jekk distinti minn xulxin minn perspettiva loġika, dawn it-tliet livelli huma orjentati lejn xulxin u għandhom jinżammu flimkien b'mod koerenti, inkella nkunu nagħtu xhieda bil-kontra u nheddu l-kredibbiltà tal-Knisja. Fil-fatt, jekk ma jitlaħħamx fi strutturi u proċessi, l-istil tas-sinodalità mil-livell tal-intenzjonijiet u tax-xewqat faċilment jispiċċa f'dak tar-rettorika, waqt li l-proċessi u l-ġrajjiet, jekk ma jitħaddmux bi stil xieraq, jispiċċaw formalitajiet vojta.

---

[20] KTI, *Is-sinodalità fil-ħajja u fil-missjoni tal-Knisja*, n. 70.
[21] *Ibid.*

**28.** Barra minn hekk, meta nerġgħu naqraw l-esperjenzi, hemm bżonn inżommu quddiem għajnejna li "nimxu flimkien" tista' tinftiehem skont żewġ perspettivi differenti, imma marbuta qatigħ ma' xulxin. L-ewwel waħda tħares lejn il-ħajja interna tal-Knejjes partikulari, lejn ir-relazzjonijiet bejn is-suġġetti li minnhom magħmula (qabelxejn dawk bejn il-Fidili u r-Ragħajja tagħhom, anki permezz tal-organiżmi ta' parteċipazzjoni previsti mid-dixxiplina kanonika, inkluż is-sinodu djoċesan) u lejn il-komunitajiet li fihom jiġu artikulati (b'mod partikulari l-parroċċi). Tqis imbagħad ir-relazzjonijiet tal-Isqfijiet bejniethom u mal-Isqof ta' Ruma, anki permezz tal-organiżmi intermedji ta' sinodalità (Sinodi tal-Isqfijiet tal-Knejjes patrijarkali u arċiveskovili maġġuri, Kunsilli tal-Ġerarki u Assemblej tal-Ġerarki tal-Knejjes *sui iuris*, Konferenzi Episkopali, bl-espressjonijiet nazzjonali, internazzjonali u kontinentali tagħhom). U hekk nitwessgħu għall-mod kif kull Knisja partikulari tintegra fi ħdanha l-kontribut tad-diversi xejriet ta' ħajja monastika, reliġjuża u kkonsagrata, ta' assoċjazzjonijiet u moviment lajkali, ta' istituzzjonijiet ekkleżjali u ekkleżjastiċi ta' bosta xeħtiet (skejjel, sptarijiet, universitajiet, fondazzjonijiet, entijiet ta' karità u għajnuna, u l-bqija). Fl-aħħar nett, din il-perspettiva tħaddan ukoll ir-relazzjonijiet u l-inizjattivi komuni mal-aħwa tal-Konfessjonijiet Insara l-oħra, li magħhom naqsmu d-don tal-istess Magħmudija.

**29.** It-tieni perspettiva tqis kif il-Poplu ta' Alla jimxi flimkien mal-familja sħiħa tal-bnedmin. Il-ħarsa għalhekk tieqaf fuq l-istat tar-relazzjonijiet, tad-djalogu u ta' inizjattivi komuni li jista' jkun hemm ma' membri ta' reliġjonijiet oħra, mal-persuni mbiegħda mill-fidi, kif ukoll ma' ambjenti u gruppi soċjali speċifiċi, mal-istituzzjonijiet tagħhom (id-dinja tal-politika, tal-kultura, tal-ekonomija, tal-finanzi, tax-xogħol, trejdunjins u għaqdiet tan-negozju, organizzazzjonijiet mhux governattivi u tas-soċjetà ċivili, movimenti popolari, minoranzi ta' bosta xejriet, foqra u mwarrbin, u l-bqija).

### Għaxar nuklei tematiċi biex ninżlu fil-fond tagħhom

**30.** Biex ngħinu fl-iżvilupp tal-esperjenzi u nikkontribwixxu b'mod aktar għani għall-konsultazzjoni, qed nindikaw hawn ukoll għaxar nuklei tematiċi li jartikulaw diversi aspetti tas-"sinodalità mgħixa". Iridu jiġu addattati għad-diversi kuntesti lokali, u, kull darba integrati, espliċitati, issimplifikati, approfonditi, b'attenzjoni partikulari

għal min għandu iżjed diffikultà biex jipparteċipa u jwieġeb: il-*Vademecum* li jsieħeb dan id-Dokument Preparatorju hawnhekk joffri strumenti, toroq u suġġerimenti biex id-diversi nuklei ta' mistoqsijiet inebbħu konkretement mumenti ta' talb, formazzjoni, riflessjoni u qsim flimkien.

I. IS-SIEĦBA FIL-VJAĠĠ

*Fil-Knisja u fis-soċjetà ninsabu maġenb xulxin fl-istess triq.* Fil-Knisja lokali tagħkom, hemm dawk li qed "jimxu flimkien"? Meta ngħidu "l-Knisja tagħna", min jagħmel parti minnha? Min qed jitlobna nimxu flimkien? Liema huma s-sieħba tal-vjaġġ, anki barra mill-ħitan tal-Knisja? Liema persuni jew gruppi qed jitħallew fit-trufijiet, espressament jew bħala stat ta' fatt?

II. NISIMGĦU

*Is-smigħ huwa l-ewwel pass, imma jitlob li nżommu moħħna u qalbna miftuħa, mingħajr preġudizzji.* Lil min il-Knisja partikulari tagħna hi "fid-dmir li tisma'"? Kif qed jiġu mismugħa l-Lajċi, b'mod partikulari ż-żgħażagħ u n-nisa? Kif qed nintegraw is-sehem tal-Ikkonsagrati? Xi spazju għandu l-leħen tal-minoranzi, tal-'mormijin' u tal-imwarrbin? Jirnexxilna nidentifikaw preġudizzji u sterjotipi li jxekklu s-smigħ tagħna? Kif qed nagħtu widen għall-kuntest soċjali u kulturali li fih ngħixu?

III. NIEĦDU L-KELMA F'IDEJNA

*Ilkoll aħna msejħin nitkellmu bil-kuraġġ u l-parresia, jiġifieri billi nħaddmu flimkien libertà, verità u mħabba.* Kif qed nippromovu fi ħdan il-komunità u l-organiżmi tagħha stil komunikattiv ħieles u awtentiku, mingħajr wiċċ b'ieħor u opportuniżmi? U fil-konfront tas-soċjetà li minnha nagħmlu parti? Meta u kif qed jirnexxilna ngħidu dak li hu għal qalbna? Kif inhi r-relazzjoni tagħna mas-sistema tal-midja (mhux biss dik Kattolika)? Min jitkellem f'isem il-komunità Nisranija u kif jiġi magħżul?

IV. NIĊĊELEBRAW

*Nistgħu "nimxu flimkien" biss jekk nibnu fuq is-smigħ komunitarju tal-Kelma u fuq iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija.* B'liema mod it-talb u ċ-ċelebrazzjoni liturġika jnebbħu u jorjentaw effettivament il-"mixi flimkien" tagħna? Kif inebbħu d-deċiżjonijiet l-iżjed importanti? Kif qed nippromovu l-parteċipazzjoni attiva tal-Fidili

kollha fil-liturġija u t-tħaddim tal-funzjoni tat-tqaddis? Xi spazju qed jingħata għat-tħaddim tal-ministeri tal-lettorat u tal-akkolitat?

V. KORRESPONSABBLI FIL-MISSJONI

*Is-sinodalità qiegħda għas-servizz tal-missjoni tal-Knisja, li fiha l-membri kollha tagħha huma msejħin jipparteċipaw.* Billi aħna lkoll dixxipli missjunarji, b'liema mod kull imgħammed hu msejjaħ ikun protagonista tal-missjoni? Kif il-komunità qiegħda twieżen lill-membri tagħha impenjati f'xi servizz fis-soċjetà (impenn soċjali u politiku, fit-tiftix xjentifiku u fit-tagħlim, fil-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali, fil-ħarsien tad-drittijiet umani u fl-għożża tad-Dar komuni, u l-bqija)? Kif tgħinhom jgħixu dawn l-impenji f'loġika ta' missjoni? Kif qed isir id-dixxerniment fuq l-għażliet marbuta mal-missjoni u min għandu sehem fih? Kif ġew integrati u adattati d-diversi tradizzjonijiet ta' stil sinodali li jikkostitwixxu l-wirt ta' ħafna Knejjes, b'mod partikulari dawk tal-Lvant, fid-dawl ta' xhieda Nisranija effikaċi? Kif taħdem il-kollaborazzjoni fit-territorji fejn huma preżenti diversi Knejjes *sui iuris*?

VI. NIDDJALOGAW FIL-KNISJA U FIS-SOĊJETÀ

*Id-djalogu huwa mixja ta' perseveranza, li tiġbor fiha wkoll silenzji u tbatijiet, imma li kapaċi tilqa' l-esperjenza tal-persuni u tal-popli.* Liema huma l-postijiet u l-modi ta' djalogu fi ħdan il-Knisja partikulari tagħna? Kif jiġu affrontati d-diverġenzi fil-viżjoni, il-kunflitti, id-diffikultajiet? Kif qed nippromovu l-kollaborazzjoni mad-Djoċesijiet tal-qrib, ma' u bejn il-komunitajiet reliġjużi preżenti fit-territorju, ma' u bejn għaqdiet u moviment lajkali, u l-bqija? Liema esperjenzi ta' djalogu u ta' impenn maqsuma flimkien qed inkomplu mexjin 'il quddiem fihom id f'id ma' membri ta' reliġjonijiet oħra u ma' min ma jemminx? Il-Knisja kif qed tiddjaloga u titgħallem minn oqsma oħra tas-soċjetà: id-dinja tal-politika, tal-ekonomija, tal-kultura, is-soċjetà ċivili, il-foqra…?

VII. MAL-KONFESSJONIJIET INSARA L-OĦRA

*Id-djalogu bejn l-Insara ta' diversi konfessjonijiet, imxierka flimkien minn Magħmudija waħda, għandu post partikulari fil-mixja sinodali.* Liema relazzjonijiet għandna mal-aħwa tal-Konfessjonijiet Insara l-oħra? Liema oqsma jmissu? Liema frott ksibna minn din il-"mixja flimkien"? Liema huma d-diffikultajiet?

VIII. AWTORITÀ U PARTEĊIPAZZJONI

*Knisja sinodali hija Knisja parteċipattiva u korresponsabbli.* Kif nidentifikaw l-għanijiet li rridu nilħqu, it-toroq biex nilħquhom u l-passi li jeħtieġ nagħmlu? Kif tiġi mħaddma l-awtorità fi ħdan il-Knisja partikulari tagħna? Liema huma l-prattiċi ta' ħidma f'équipe u ta' korresponsabbiltà? Kif qed nippromovu l-ministeri lajkali u r-responsabbiltajiet ġodda min-naħa tal-Fidili? Kif jaħdmu l-organiżmi ta' sinodalità fuq il-livell ta' Knisja partikulari? Huma esperjenza għammiela?

IX. NIDDIXXERNU U NIDDEĊIEDU

*Fi stil sinodali niddeċiedu b'dixxerniment, skont kunsens li joħroġ mill-ubbidjenza komuni għall-Ispirtu.* B'liema proċeduri u b'liema metodi niddixxernu flimkien u nieħdu deċiżjonijiet? Kif nistgħu ntejbuhom? Kif nippromovu l-parteċipazzjoni fid-deċiżjonijiet fi ħdan komunitajiet ġerarkikament strutturati? Kif nartikulaw il-fażi konsultattiva ma' dik tad-diskussjoni, il-proċess tad-*decision-making* mal-mument tad-*decision-taking*? B'liema mod u b'liema għodod qed nippromovu trasparenza u *accountability*?

X. NIFFURMAW RUĦNA GĦAS-SINODALITÀ

*L-ispiritwalità li nimxu flimkien hi msejħa ssir prinċipju edukattiv għall-formazzjoni tal-persuna umana u tan-Nisrani, tal-familji u tal-komunitajiet.* Kif qed niffurmaw il-persuni, b'mod partikulari dawk li għandhom rwoli ta' responsabbiltà fi ħdan il-komunità Nisranija, biex nagħmluhom iżjed kapaċi "jimxu flimkien", jisimgħu lil xulxin u jiddjalogaw ma' xulxin? X'formazzjoni qed noffru għad-dixxerniment u għat-tħaddim tal-awtorità? Liema għodod jgħinuna naqraw id-dinamiċi tal-kultura li fiha ninsabu u l-impatt tagħhom fuq l-istil tagħna ta' Knisja?

**Kontribut b'riżq il-konsultazzjoni**

**31.** L-għan tal-ewwel fażi tal-mixja sinodali hu dak li tiffavorixxi proċess wiesa' ta' konsultazzjoni biex tilqa' l-għana tal-esperjenzi ta' sinodalità mgħixa, fid-diversi artikulazzjonijiet u aspetti tagħha, bis-sehem tar-Ragħajja u l-Fidili tal-Knejjes partikulari fuq id-diversi livelli, permezz tal-mezzi l-aktar adegwati skont r-realtajiet lokali speċifiċi: il-konsultazzjoni, ikkordinata mill-Isqof, hi indirizzata "lejn il-Presbiteri, id-Djakni u l-Fidili lajċi tal-Knejjes tagħhom, kemm bħala individwi u kemm

imsieħba flimkien, mingħajr ma nittraskuraw is-sehem prezzjuż li jistgħu jagħtu l-Ikkonsgrati" (EC, n. 7). B'mod partikulari hu mitlub il-kontribut tal-organiżmi ta' parteċipazzjoni tal-Knejjes partikulari, speċjalment il-Kunsill presbiterali u l-Kunsill pastorali, li ibda minnhom "tista' tibda tissawwar Knisja sinodali".[22] Daqstant ieħor prezzjuż ikun il-kontribut tar-realtajiet ekkleżjali l-oħra li lilhom jintbagħat id-Dokument Preparatorju, bħalma hu dak ta' min jixtieq jibgħat direttament il-kontribut tiegħu. Fl-aħħar nett, ta' importanza fundamentali hu li jinstab spazju wkoll għal-leħen tal-foqra u tal-imwarrbin, u mhux biss ta' min għandu xi rwol jew responsabbiltà fi ħdan il-Knejjes partikulari.

**32.** Is-sinteżi li kull Knisja partikulari se telabora fi tmiem din il-ħidma ta' smigħ u dixxerniment se tkun il-kontribut tagħha lill-mixja tal-Knisja universali. Biex il-fażijiet li ġejjin wara fil-mixja jkunu eħfef u iktar sostenibbli, importanti li jirnexxilna niġbru l-frott tat-talb u tar-riflessjoni l-iktar l-iktar f'xi għaxar paġni. Jekk ikun hemm bżonn li nikkuntestwalizzawhom u nfissruhom aħjar, nistgħu nehmżu testi oħra ta' sapport jew integrazzjoni. Infakkru li l-għan tas-Sinodu u allura ta' din il-konsultazzjoni mhuwiex li jipproduċu dokumenti, imma li "jnibbtu ħolmiet ġodda, iqanqlu profeziji u viżjonijiet, iwarrdu t-tamiet, jistimulaw fiduċja, jinfaxxaw il-ġrieħi, jinsġu relazzjonijiet, itellgħu żerniq ta' tama, jgħallmu lil xulxin, u joħolqu pożittiv immaġinarju li jdawwal l-imħuħ, isaħħan il-qlub, irodd il-qawwa lid-dirgħajn".[23]

[22] FRANĠISKU, *Diskors għat-Tifkira tal-50 anniversarju mit-twaqqif tas-Sinodu tal-Isqfijiet.*
[23] FRANĠISKU, *Diskors fil-ftuħ tas-Sinodu ddedikat liż-żgħażagħ* (3 ta' Ottubru 2018).

## Werrej

**I. Is-sejħa biex nimxu flimkien**

**II. Knisja kostitutTivament sinodali**

**III. Fis-smigħ tal-Iskrittura**

Ġesù, il-folla, l-Appostli

Dinamika doppja ta’ konverżjoni: Pietru u Kornelju (Atti 10)

**IV. Is-sinodalità fl-azzjoni: toroq għall-konsultazzjoni tal-poplu ta’ Alla**

Il-mistoqsija fundamentali

Diversi artikulazzjonijiet tas-sinodalità

Għaxar nuklei tematiċi biex ninżlu fil-fond tagħhom

Kontribut b’riżq il-konsultazzjoni